KUNSILL LOKALI
IS-SIĠĠIEWI
Città Ferdinand

RECEIVED
30 JUL 2021
PUBLIC CONTRACTS
REVIEW BOARD

28 ta'Lulju,2021.

Il-Bord ta' Reviżjoni dwar il-Kuntratti Pubbliċi
Floriana.

Sinjur/a,

Nikteb f'isem il-Kunsill Lokali tas-Siggiewi u permezz tal-preżenti qed nagħti r-raġunijiet tagħna fir-rigward tal-ittra ta'oġġezzjoni ppreżentata minn Owen Borg rigward it-'tender' LCS34/2020 "Cleaning and Clearing of Urban and Surfaced Non-Urban Areas Using Environmentally Friendly Measures for the Siggiewi Local Council".

Il-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi dejjem mexa' mal-liġi u mar-regolamenti rigwardanti t-'tenders' kif ukoll mal-pariri u r-rakkomandazzjonijiet tad-Dipartiment tal-Kuntratti u tal-Ministeru tal-Finanzi.

F''tender' ieħor il-Kunsill kellu sitwazzjoni bħal dik odjerna u wara li talab l-assistenza tad-Dipartiment tal-Kuntratti, il-parir kien li jintalab skont tal-offerenti li kienu 'technically compliant' u mingħajr ebda tibdil ieħor, l-iktar wieħed li jagħti skont jieħu t-'tender'.

Hekk reġa' sar fit-'tender' odjern u dan skont il-parir mogħti mid-Dipartiment tal-Kuntratti. Għalhekk l-argumenti preżentati minn Owen Borg huma bla bażi legali u fattwali. Jiġi sottomess ukoll li Owen Borg ippreżenta skont kif mitlub u kien biss meta ma kienx l-iktar wieħed li ta skont, li oġġezzjona u mhux qabel.

Nitlob li dan l-Onorabbli Bord jikkonferma d-deċiżjoni meħuda mill-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi filwaqt li jiċħad l-appell ta' Owen Borg bl-ispejjeż kontrieh.

Tislijiet,

Ritienne Giorgino
Segretarju Eżekuttiv